

*Il-manuskritt tal-poeżija li qiegħda tidher hawn taħt, "Bebbux Abjad".*

# Poeżiji ta' Orazio Vella

## BEBBUX ABJAD

Fil-firxa wiesgħa ddur bejn Għajn Tuffieħa
Tħaddar u l-kenn tal-Ġnejna, tfuħ, dellija,
Hemm taż-Żingier ix-Xagħra, mergħa xħiħa
Ta' bhejjem, imġewħin: fejn tal-Lippija
It-Torri jgħasses waħdu l-medda sħiħa
Ta' l-ilmijiet tal-baħar kaħlanija.
Jekk tħares fil-Punent dehra sabiħa
Tfiġġlek quddiem għajnejk mgħammxin bid-dija.
Iżda jekk tħares qrib, bejn il-blajtiet
Indaf tax-Xagħra, tilmaħ il-bebbux
Abjad, jinħabb, ibejjet, nislu jkattar:
Saqaf li jkennu? Ajru, sħab, smewwiet;
Żina ta' daru? Sagħtar u lellux;
Kobor jew ċokon hawn lil Alla jħabbar.

Mġgarr, 6 – 12 – 60

## XITA

Ix-xita nieżla nieżla
Hi barka tas-swewwiet:
Il-bdiewa tagħna bieżla
Minn żmien lilha stenniet.

Il-ħoss tax-xita ġwejjed
Fih ħlewwa t'għana u daqq:
Dalwaqt jimlew l-imwejjed
B'kull ħtieġa tabilħaqq.

Il-bhima mal-maxtura
Ukoll tħoss dan il-ġid:
Hi tgħodd ruħha b'sinjura
B'dak li jagħlifha s-Sid.

Il-merħla tirgħa, fl-aħħar,
Ħaxix li jikber sħiħ:
B'ħarsitha donnha tfaħħar
Lil Min ħasbilha għalih.

Il-fenek ġewwa l-bejta
Hu hieni jrid itir:
Ma jħossx li ħajtu mejta,
Ma jħossx li huwa lsir.

Id-dwied li ġewwa r-raba'
Xi jnaqqru jsibu lkoll:
U mimlijin bix-xaba'
Jittaqqlu huma wkoll.

L-agħsafar ġewwa l-ajru
Nemel itir jaraw:
Bilġri għalih jittajru
U bih dlonk jixxalaw.

Ix-xita nieżla sbejħa
Il-ġid u s-saħħa ġġib:
Għax radd il-ħajr is-sejħa
Fil-ħoss tax-xita nsib.

Mġarr, 7 – 12 – 60





*Mons. Orazju Vella D.D., Kappillan, bejn Dun Ġużepp Micallef (fuq ix-xellug) u Maestro Romeo Ceccotti ta' Pietrasanta li għamel il-paviment tal-Knisja ta' l-Imġarr.*

**MONS. ORAZIO VELLA** twieled l-Imġarr fl-1912. Missieru kien Karmelu u ommu M. Lwiza neè Deguara. Kellu ħdax-il sena meta daħal l-iskola primarja ta' l-Imġarr li kienet infetħet fl-1923. Wara studja fis-Seminarju u fl-Università ta' Malta, fejn ħa d-D.D. u l-B.L.Can. Studja l-iskrittura taħt il-Prof. P.P. Saydon, li ħarrġu wkoll fil-Malti. Kien membru u kiteb kotba fil-Għaqda tal-Qari Tajjeb. Qaddes f'Lulju, 1937. Sar surmast tal-Malti u l-Latin fis-Seminarju u fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet. Kien jaf iħaddem il-kelma Maltija bis-sengħa. Ħafna mill-poeżiji tiegħu huma miktubin fuq karti mxerrdin 'l hawn u 'l hinn, u m'hix ħaġa faċli tiġborhom.

Fl-1946 inħatar kappillan ta' Ħal Għargħur mnejn, fl-1954, inħatar kappillan ta' raħlu, l-Imġarr. Hawn, barra ħidma pastorali qawwija, żejjen il-knisja l-ġdida b'altar maġġur, altar tal-Kruċifissjoni, ta' San Franġisk u tal-Madonna ta' l-Isperanza, il-presbiterju, il-bankun tat-tqarbin u l-paviment famuż ta' l-irħam. Fl-1972 inħatar Kanonku Monsinjur tal-Kattidral, imma baqa' joqgħod u jaqdi dmiru fl-Imġarr. Miet fit-23 ta' Awissu, 1980.

**G.A. Cilia**